Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 2603/2000/1

**Trevor Buhagiar, Joseph Buhagiar**
**u Evelyn Buhagiar**

**v.**

**Montaldo Insurance Agency Ltd**
**f'isimha u bhala agenti u in rapp-**
**rezentanza tas-socjeta` estera**
**American Home Assurance Company**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru, 2000 l-atturi ppremettew illi nhar is-26 ta’ Mejju 1996 waqt li l-attur Trevor Buhagiar (iben, allura minuri, ta’ l-atturi Joseph Buhagiar u Evelyn Buhagiar) kien miexi fuq il-bankina fi triq il-Qaliet, Marsascala, gie investit mill-karozza Hillman Imp N-2049 assikurata mas-socjeta` konvenuta u misjuqa minn Joseph Farrugia; illi fl-incident imsemmi l-istess Trevor Buhagiar sofra feriti gravi f’rasu, ksur fil-kustilji u hsara fl-interni u tilef ukoll il-milsa, b’mod li baqa’ jbati minn dizabilita` permanenti; illi l-incident imsemmi gara unikament bi htija ta’ l-imsemmi Joseph Farrugia assigurat tas-socjeta` konvenuta minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta’ hsieb u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti; illi s-socjeta` konvenuta accettat ir-responsabilta` ta’ l-incident da parti ta’ l-assigurat taghha u intrabtet li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi; illi wara negozzjati bejn l-atturi Joseph u Evelyn Buhagiar fl-interess ta’ binhom, u wara li l-istess Trevor Buhagiar gie ezaminat kemm mit-tobba imqabdin mill-atturi, kemm mit-tabib mahtur mis-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` konvenuta ghamlet offerta ferma ta’ kumpens ta’ (sic) fl-ammont ta’ hamsa u tletin elf lira, oltre l-ispejjez legali; illi l-atturi accettaw l-offerta u talbu l-hlas kif miftiehem; illi minkejja l-ftehim u l-obbligazzjoni assunta mis-socjeta` konvenuta sallum naqset li thallas l-ammont miftiehem; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta proprio u/jew nomine thallas lill-atturi s-somma ta’ hamsa u tletin elf lira maltin, ammont miftiehem bhala danni sofferti mill-atturi fl-incident imsemmi li gara fis-26 ta’ Mejju 1996, flimkien ma l-ispejjez legali kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Frar 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data [tal-] istess ittra ufficjali, kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-14 ta’ Frar, 2001 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi, in linea preliminari, ghall-korrettezza, l-isem tas-socjeta` konvenuta hija “Montaldo Insurance Agency Ltd.” (u dan peress li originarjament ic-citazzjoni saret kontra Montaldo Insurance Services Ltd.).

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi, minkejja li saru trattativi ghall-transazzjoni, ma saret ebda skrittura f’dan is-sens, kif *del resto* rikjest mill-Artikolu 1233(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegat transazzjoni ma kienx konkluz billi kienet mehtiega l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili Sekond Awla billi l-attur Trevor Buhagiar dak iz-zmien kien minorenni.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tat-30 ta’ April, 2003 meta, filwaqt li laqghat it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta proprio et nomine, cahdet it-talba attrici stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dana bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Frar 2000, kontra l-atturi u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“**<u>IV. KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>“A. L-EWWEL ECCEZZJONI</u>**

“Illi din giet sorvolata bid-digriet tal-Qorti moghti *seduta stante* fit-28 ta’ Frar 2001.

**<u>“B. IT-TIENI ECCEZZJONI</u>**

“Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi minkejja li saru trattativi ghall-transazzjoni, ma saret ebda skrittura f’dan is-sens, kif rikjest mill-**artikolu 1233(d) tal-Kap.16.**

“Illi l-**artikolu 1233(d) tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

“*(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b’att pubbliku jew b’kitba privata, taht piena ta’ nullita`*

*(d) it-transazzjonijiet.”*

“Illi f’dan l-istadju huwa mportanti li din il-Qorti, abbazi tal-provi prodotti, tara jekk effettivament kienx hemm transazzjoni u b’hekk dan l-istitut jrid ukoll jigi studjat.

“Illi skond l-**artikolu 1718 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

“It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b’xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw li tkun sejra ssir.”

“Illi fis-sentenza “**Saverio Spiteri vs Giuseppe Azzopardi”** (21 ta’ Jannar 1928 – App. Civ.) l-Onorabbli Qorti ta’ l-appell qalet:-

“*Atteso che, come trovasi ricordato nella decisione data da questa Corte il 16 Aprile 1926 nella causa “Mifsud versus Sacco” (Collez, XXI.II.101) gli estremi essenziali di una transazione, secondo la definizione dell’articolo 1478, Ordinanza gia’ citata, sono una lite che sia per nascere e che si vuol prevenire, ovvero una lite gia’ incominciata a cui si pone fine, e una cosa data, promessa o ritenuta tra le parti contraenti. “Due elementi” – cosi’ il-Ricci, Corso di Diritto Civile, Vol. IX,n,107 – “caraterizzano la transazione e la distinguono da ogni altro contratto. Il-primo e’ costituito dal dubbio dal quale le parti vogliono uscire, risolvendo esse stesse, anziche’ deferire la decisione al magistrato; il secondo da cioe’ che i pratici chiamano ‘hine inde remissum’. Quest’altro elemento consiste in cio’, che ciascuna delle parti deve dare, promettere o ritenere qualche cosa. E’ insomma il mutuo sacrificio cui entrambi le parti si assoggettano nello scopo di terminare una lite o di evitarla, quello che costituisce la transazione e le imprime un carattere proprio per il quale va distinta da ogni altra convenzione ….”*

“Illi fis-sentenza “**Alessandro Portanier vs Paolo Dalli”** (A.C. 15 ta’ Jannar 1937) il-Qorti sostniet illi t-transazzjoni li jkollha bhala oggett taghha xi immobbli ghandha ssir b’att pubbliku. Jekk l-oggett taghha ma jkunx xi mmobbli, it-transazzjoni trid issir almenu bi skrittura privata. Jekk ma tigix osservata din il-formalita` t-transazzjoni tkun nulla u ta’ ebda effett.

“Illi mbaghad f’**Filippo Buhagiar vs A.I.C. Godwin Drago”** (28 ta’ Gunju 1962 – Vol. 46C. ii. 668) il-Qorti qalet b’referenza ghal transazzjoni:-

“*… skop ta’ dan il-kuntratt huwa dak li tigi terminata kawza mibdija jew li tigi evitata kawza imminenti b’mod li hija nulla kwalunkwe transazzjoni bejn il-partijiet fuq haga li huma jkollhom kontroversja fuqha; kontroversja, mbaghad, li trid tkun serja u reali, b’dubju dwar l-ezitu taghha; u cjoe’ li l-kawza li l-partijiet ikunu jridu jitterminaw jew jevitaw tkun trid tkun dubja fiha nfisha jew fl-animu tal-partijiet.”*

“Illi infatti **Albertio Trabucchi** fil-trattat “**Istituzioni di Diritto Civile**” jghid “*la transazione infine e’ il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia’ cominciata o prevengono una lita che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni ….. La transazione non puo’ essere provata con testimoni; richiede la prova scritta”* (pagni 851; 852) “**Macpherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Co. Limited**” (P.A. (RCP) – 1 ta’ Ottubru 2002).

“Illi f’”**John Camenzuli vs Av. Dottor George Degaetano et noe**” (15 ta’ Ottubru 1963 – Vol 47E. iii.1144) il-Qorti qalet li hija bizzejjed il-possibilita` ta’ kontestazzjoni bejn il-partijiet biex ikun hemm wiehed mill-presupposti tal-kundizzjonijiet ta’ transazzjoni.

“Illi f’ “**Joseph Micallef noe vs Raymond Vella**” (8 ta’ Marzu 91 – Vol. LXXV.i.380) intqal illi t-transazzjoni tirrikjedi fil-ligi l-iskrittura jew kuntratt pubbliku w altrimenti tkun nulla. Ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar min kien responsabbli ghall-kollizzjoni u dwar kif kellhom jigu

sopportati d-danni huwa transazzjoni u null jekk ma jsirx bil-kitba.

“Illi fis-sentenza recenti “**Maria Attard vs Francesco Camilleri**” (Cit. Nru: 111G/89 MM – A.C. 30 ta’ Gunju 2000), l-Onorabbli Qorti ta’ l-appell ikkummentat:-

“*Ghandu jkun car illi potenzjalment kull vertenza dwar drittijiet pretizi setghet twassal ghal proceduri gudizzjarji.*

*“Mil-banda l-ohra, kull vertenza bhal din setghet tigi komposta barra l-Qorti w indubbjament il-ligi ma tesigix, u mkien ma hemm provdut, li kull ftehim milhuq dwar vertenza ta’ din ix-xorta kellu necessarjament jigi redatt bil-miktub u ffirmat mill-kontendenti ad validitatmen u taht piena ta’ nullita`. Il-ligi bl-ebda mod ma riedet tnaqqas il-valur tal-ftehim bonarju, sigillat bil-ftehim bil-fomm, taht l-insenja ta’ irgulija. Il-ligi kienet tezigi biss illi meta l-vertenza dwar drittijiet tkun tifforma l-mertu ta’ kawza diga mibdija* <u>*jew li tkun sejra ssir*</u>*, din kien jehtieg li ssir b’kitba taht piena ta’ nullita` biex tigi assigurata c-certezza ta’prova li tali transazzjoni tkun verament sehhet u biex jigu kjarament stabbiliti t-termini taghha.”*

*“Dan proprju biex jigi evitat li ftehim ta’ din ix-xorta mhux kjarament espress jew jintralcja ulterjorment kawza gia mibdija jew jipprovoka komplikazzjonijiet f’kawza li tkun sejra ssir. Il-ligi allura, f’dawn ic-cirkostanzi, tesigi l-ahjar prova ta’ l-obbligazzjonijiet assunti u taghzel li tinjora bhala mhux ezistenti kull komposizzjoni bonarja ta’ vertenzi li ma jkunux bil-miktub.”*

*“Hu korrett l-appellant meta jissottometti li l-kelma transazzjoni fis-subinciz 1 (d) ta’ l-artikolu 1233 tal-Kodici Civili kellha tigi mifhuma fid-definizzjoni li l-ligi taghti ta’ din il-kelma qua forma ta’ kuntratt fl-artikolu 1718. Dan pero` ma jfissirx li kull ftehim iehor dwar pretiza ta’ drittijiet ma setghax isir u ma setghax jigi konkjuz jekk mhux in via ta’ transazzjoni fis-sens strett tal-kelma precizat bl-artikolu 1718. Ghall-kuntrarju dan hu ghal kollox possibbli u seta’ jsir u kien awspikat li jsir, salv pero` d-diffikulta` fil-kaz ta’ ftehim bil-fomm tal-prova ta’ l-obbligazzjonijiet assunti li*

*jkollha ssir f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar dak li effettivament kien gie miftiehem. Il-ligi ghalhekk tesigi l-iskrittura biss fil-kaz ta' transazzjoni milhuqa fit-termini stretti ta' l-artikolu 1718 in omagg tal-principju contra scritpum non est argumentum u biex takkwista l-vantagg shih ta' tali principju. Dan pero` ma jipprekludix ftehim vinkolanti fil-ligi milhuq biex jiddetermina kwistjonijiet ta' pretiza ta' dritt li jsir bil-fomm meta c-cirkostanzi ma jkunux strettament jinkwadraw ruhhom fil-paramentri ta' dak l-artikolu. Parametri precizi li jesigu l-prova tal-kitba* <u>*biss*</u> *fil-kaz ta' dawk il-kuntratti ta' transazzjoni, li "jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir."*

*"Strettamente parlando meta ftehim ma jkunx iwassal ghall-kuntratt f'dawn ic-cirkostanzi ma setghax proprjament jigi kwalifikat bhala transazzjoni "ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi". Fil-qofol tal-kawza allura jirrizolvi ruhu dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir". Kliem li kellu jigi sewwa meqjuz. Il-ligi ma titkellimx semplicement dwar ftehim bejn il-partijiet biex jevitaw kawza jew biex jevitaw kawza li setghet issir. Titkellem dwar kawza li* <u>*tkun sejra*</u> *ssir. Kliem li jimplika d-determinazzjoni tal-parti li kellha d-dritt li tagxxi biex tirrivendika l-jeddijiet taghha u li tkun fil-punt li hekk taghmel. Biex jokkorru allura l-elementi tal-kuntratt ta' transazzjoni kellu jirrizulta li bhala effett ta' dak il-ftehim, il-proceduri gudizzjarji li jkunu kjaramet ser jigi inizjati jigu mwaqqfa li allura ma tinbediex. Hu ghalhekk, kif sewwa ssottometta l-appellat, li l-gurisprudenza titkellem dwar l-imminenza ta' kawza. Skop ta' kuntratt ta' transazzjoni hu dak li tigi terminata kawza gja mibdija jew li tigi evitata kawza imminenti. Ftehim bejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oggett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawza, jew li fuqu ma kien hemm ebda hsieb ta' kawza imminenti ma jikkostitwix transazzjoni kif kontemplata fil-ligi." (Vol. XLVI.II.668)"*

"Illi ghar-rigward tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija "**Joseph Micallef noe vs Raymond Vella"** il-Qorti ta' l-appell ikkummentat is-segwenti:-

"*Dan hu korrett u kien certament applikabbli ghac-cirkostanzi fattwali ta' dik il-kawza. Ma kienx ikun pero` applikabbli fil-kaz fejn ftehim simili kien milhuq f'cirkostanzi fejn l-ebda wiehed mill-partijiet involut fil-kollizjoni ma kellu l-intenzjoni li jipprocedi giudizzjarjament jew multo magis fejn din l-eventwalita` tkun giet bhal fil-kaz taht ezami, espressament eskluza mill-attrici. Dan ghaliex is-subinciz (d) ta' l-artikolu 1233 kien japplika ghal kwalunkwe vertenza dwar jeddijiet li dwarha jintlahaq ftehim. Ma kien hemm allura l-ebda sitwazzjoni fejn il-ftehim kellu jigi a priori kwalifikat bhala transazzjoni fis-sens strett tal-ligi. L-element vitali li kellu jigi pruvat kien dak ta' l-ezistenza ta' kawza jew ta' imminenza ta' kawza li tkun sejra ssir.*"

"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni, wara li rat il-provi prodotti, li din in effetti kienet proposta ta' transazzjoni li kellha tigi milhuqa bejn is-socjeta` konvenuta u l-atturi Joseph u Evelyn Buhagiar ghan-nom ta' l-istess minuri Trevor Buhagiar, u dan peress li dan ta' l-ahhar kien ghadu f'dak iz-zmien minorenni, peress li huwa twieled fis-sena 1982 (I.D. No. 580882) u jidher car mill-provi li dan il-propost ftehim kien intiz li jintlahaq bejn il-partijiet koncernati sabiex tigi evitata pendenza gudizzjarja bejn il-partijiet."

"Illi fil-fatt mill-provi prodtti jirrizulta li kien hemm trattativi ghaddejjin bejn d-difensuri tal-partijiet dwar il-*quantum* li kien dovut *in linea* ta' danni konsegwenti ghall-incident stradali li kien sehh li fih kien involut l-attur Trevor Buhagiar, li allura kien rapresentat mill-ginituri tieghu. Ma jidher li kien hemm l-ebda kwistjoni dwar responsabbilita` ta' l-incident imqajjma mis-socjeta` konvenuta fl-ebda stadju u dan kif anki kkonfermat mill-*Claims Manager* David Debono u dan jinsab konfermat mill-istess socjeta` konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

"Illi mhux kontradett li saru zewg offerti min-naha tas-socjeta` konvenuta lill-atturi. l-ewwel wahda saret fit-8 ta' Lulju 1999 u din kienet ta' LM35,000.

Illi ghalkemm l-atturi jallegaw li huma accettaw din l-offerta wara xi zmien, u dan biss verbalment, jidher li fl-istess xhieda prodotta minnhom dan ma huwiex ghal kollox car, u dan peress li fl-ewwel lok l-attur Joseph Buhagiar fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Gunju 2001 u partikolarment fil-paragrafu numru 8 ta' l-istess a fol. 29 tal-process jghid:

"*L-avukat taghna kien innegozzja ma l-avukat tas-socjeta` konvenuta u kienet saret offerta ta' LM35,000 mill-assikurazzjoni b'ittra datata 8 ta' Lulju 1999 pero` wara hafna diskussjonijiet, jidher li rega' bdielhom ghaliex qalu li ma kellhomx kunsens mill-kumpanija ta' barra.*"

"Illi min-naha l-ohra l-Avukat Dr. Paul Lia fl-affidavit tieghu tat-13 ta' Novembru 2001 sostna li:-

*"Fuq din il-bazi u wara diskussjonijiet interminabbli fit-8 ta' Lulju 1999 kienet saret offerta ta' LM35,000. Il-klienti tieghi ghall-ewwel ma kienux propensi li jaccettaw peress li pretendew hlas ghall-imghaxijiet mitluba u kienu qed jippretendu li ma jiehdux anqas minn LM40,000. Sussewgentement pero` kont informajt lill-insurance li kienu lesti jaccettaw. Wara li l-klienti kienu accettaw, kienet gietni risposta li l-assiguraturi ta' barra ma kienux qablu. Allura ma sar xejn."*

"Illi dan ma jaqbel xejn ma dak li sostna David Debono ghan-nom tas-socjeta` konvenuta tant li fl-affidavit tieghu datat 26 ta' Gunju 2001 qal is-segwenti:-

"*Wara din il-laqgha konna ktibna (ittra datata 8 ta' Lulju 1999) lill-Dr.Lia b'offerta taghna u dan tramite l-avukat tal-kumpannija. Hawn l-offerta kienet ta' LM35,000 izda din l-offerta ma gietx accettata. Dr. Lia kien kitbilna f'dan is-sens permezz ta' ittra datata 19 ta' Lulju 1999 billi ried somma akbar bhala kumpens."*

"Illi jekk wiehed ihares lejn in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-istess atturi jirrizulta li f'paragrafu 7 ta' l-istess jinghad is-segwenti:-

*“Fuq il-bazi tac-certifikati msemmija s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet offerta ta’ LM35,000 b’ittra datata 8 ta’ Lulju 1999 pero` din ma gietx accettata mill-ewwel min-naha ta’ l-atturi u meta wrew il-hsieb li jaccettawha gew informati minn David Debono, f’isem Montalto Insurance Agency Limited li l-principali esteri taghhom ma kienux tawhom il-kunsens biex jaghmlu l-offerta.”*

“Illi minn dan kollu idher car li l-atturi nnifishom ma humiex konsistenti mal-versjoni taghhom stess li l-ewwel offerta giet accettata, u kienet biss s-socjeta` konvenuta li skond huma rtirat minnha. Fil-fatt minn dak hawn citat jirrizulta li l-attur Joseph Farrugia [recte: Buhagiar] ma qal xejn fl-affidavit tieghu dwar accettazzjoni ta’ din l-ewwel offerta, u wkoll minkejja li l-Avukat Dr. Paul Lia jghid li l-istess offerta giet accettata wara xi zmien, dan ma jirrizultax li sar, anzi x-xhieda ta’ David Debono ssostni li addirittura l-istess avukat kien kiteb u talab kumpens akbar fil-19 ta’ Lulju 1999. Fl-ahharnett fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-atturi huma jghidu li kienu ghamlu l-hsieb biss li jaccettawha, li certament ma hijiex ekwivalenti ghall-accettazzjoni, u dan apparti li jidher li ma saret zgur l-ebda accettazzjoni bil-miktub. B’dan jidher li mhux minnu li l-ewwel offerta giet accettata, u dan tant huwa minnu li kien l-avukat Dr. Paul Lia stess li rega’ avvicina lill-avukat tas-socjeta` konvenuta f’Settembru 1999 sabiex terga ssir xi offerta mill-istess socjeta`.

“Illi jidher li konsegwenti ghal dan, dejjem *tramite* l-konsulent legali taghha Dr. Ivan Gatt, is-socjeta` konvenuta kitbet l-ittra datata 5 ta’ Novembru 1999, fejn jidher li l-klijenti tieghu ghamlu offerta mill-gdid ta’ pagament ta’ LM35,000 *per saldo* lill-kljenti ta’ l-avukat Dr. Paul Lia, lil min hija indirizzata l-ittra, u dan oltre spejjez legali.

“Illi dwar l-ewwel offerta ma hemm l-ebda dubju li din kienet soggetta li s-socjeta` estera, u cjoe` l-principali tas-socjeta` konvenuta, kellhom jaghtu l-kunsens taghhom, u dan kif xehed David Debono fl-affidavit; jidher li dwar l-ewwel offerta dan ma kienx accettat, tant li fl-affidavit tieghu stess Dr. Paul Lia jghid li dwar it-tieni offerta huwa

kien insista li jkun hemm dak li huwa sejjah bhala *"il-kunsens ta' barra".* Illi l-atturi jghidu li huma accettaw din l-offerta, presumibbilment *tramite* l-avukat Dr. Paul Lia, u biss verbalment, ghaliex l-ebda dokument *in iskritt* ma gie esebit lanqas fir-rigward ta' din l-accettazzjoni, izda min-naha taghha s-socjeta` konvenuta qed tghid li din l-offerta kienet ukoll soggetta ghall-kunsens da parte tas-socjeta` principali estera, u wkoll li dan l-ammont kien soggett ghall-kundizzjoni li l-istess attur Trevor Buhagiar, jerga' jissottometti ruhu ghall-ezami mediku dwar l-allegata dizabilita` permanenti tieghu biex b'hekk ikun hemm certifikat mediku fuq l-istess persuna vicin id-data ta' l-eventwali ftehim ta' hlas peress li kull ma kellha l-istess socjeta` kienu biss certifikati medici datati 1997 u 1998, li fil-fatt gew esebiti f'dawn il-proceduri. In realta` ma jidhirx li l-istess atturi accettaw li jsir dan l-ezami.

"Illi fuq dan din il-Qorti tikkummenta li l-istess ittra tal-5 ta' Novembru 1999 ma ssemmiex din il-kundizzjoni ta' l-ezami mediku ta-istess, dak inhar minuri, meta saret l-offerta maghmula; min-naha l-ohra ma huwiex car meta saret l-allegata accettazzjoni *da parte* ta' l-istess atturi jew min minnhom, u dan apparti li accettazzjoni b'risposta bil-miktub ma jidhirx li tezist, ghaliex jidher li ma saritx bil-miktub.

"Illi pero` minn dak li xehed David Debono, jidher car li kull offerta li kien hemm mis-socjeta` konvenuta kienet soggetta ghall-kundizzjoni li din kellha tigi accettata mill-principali taghhom, u ghalkemm jidher li l-atturi qed jghidu li t-tieni offerta saret wara li kien hemm il-kunsens ta' l-istess principali tas-socjeta` konvenuta, *in verita`* prova dwar dan ma hemmx, u ma jidhirx li l-atturi, anke konxji tad-diffikulta` dwar l-ewwel offerta nsistew ghall-istess kjarifika meta saret it-tieni offerta.

"Illi madankollu u *nonostante* id-dubbji li jezistu dwar il-fatt jekk intlahaqx ftehim jew le dwar it-tieni offerta tas-socjeta` konvenuta imsemmija fl-ittra tal-5 ta' Novembru 1999, hija l-opinjoni ta' din il-Qort, li abbazi tal-provi prodotti jidher car u bla ebda dubju kwalunkwe li kull offerta li saret mis-socjeta` konvenuta sabiex tigi rizolta

din il-pendenza saret dejjem fid-dawl li tigi evitata kawza fuq l-istess pendenza naxxenti mill-incident stradali msemmi li fih kien involut l-istess attur Trevor Buhagiar.

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan johrog car minn diversi fatturi, fosthom li n-negozjati kienu qed isiru bejn id-difensuri tal-partijiet, li l-offerti dejjem saru mid-difensur tas-socjeta` konvenuta w indirizzati lid-difensur ta' l-atturi, u wkoll li fl-istess offerta kien hemm riferenza ghall-hlas ta' spejjez legali, u dan jirrizulta wkoll mill-fatt ammess mill-attur Joseph Farrugia (sic) fl-affidavit tieghu, li t-trattativ kollha li kien hemm proprjament bejn id-difensuri tal-partijiet odjerni saru wara li d-difensur ta' l-atturi kien kiteb biex it-tifel tieghu jigi kkumpensat tat-telfien li garrab (fol. 29).

"Illi mhux hekk biss izda jidher ukoll li bl-istess ittra tal-5 ta' Novembru 1999 saret riferenza specifika ghall-hlas ta' spejjez legali u ghalkemm wara l-allegata accettazzjoni ta' l-offerta maghmula, fiz-zewg ittri datati 29 ta' Marzu 2000 u 8 ta' Gunju 2000, miktuba mill-avukat Dr. Ivan Gatt lill-Dr. Paul Lia, ssir riferenza ghall-proceduri l-Qorti.

"Illi minn dan kollu jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti li d-diskussjonijiet kollha principalment bejn id-difensuri tal-partijiet saru dejjem bl-iskop li jigu evitati proceduri gudizzjarji fil-Qorti, u dan dejjem fuq l-ammont ta' danni li kellhom allegatament jithallsu lill-atturi jew ahjar lill-attur Trevor Buhagiar, u ghalhekk l-offerta li saret mis-socjeta` konvenuta, anke *tramite* l-ittra datata 5 ta' Novembru 1999, kienet offerta ghall-transazzjoni, u ghalhekk bhala tali tapplika ghaliha d-disposizzjoni ta' l-a**rtikolu 1233(1)(d) tal-Kap 16**, li tali transazzjoni sabiex tkun valida kellha ssir bil-miktub, u jidher li dan ma sarx, ghaliex kull ma hemm hija biss offerta w ebda skrittura privata *ai termini* tal-ligi, u dan *apparte* li lanqas l-allegata accettazzjoni ma saret bil-miktub, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

"Illi din il-Qorti hija msahha minn dak li nghad fis-sentenza "**Joseph Micallef nomine vs Raymond Vella"** (A.K. (GMB) 8 ta' Marzu 1991 – Vol. XLL.ii.385) fejn inghad:-

"*Illi skond l-artikolu 1718 tal-Kodici Civili t-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir."*

*"Din id-definizzjoni, li taghti l-ligi stess, tinnewtralizza s-sottomissjonijiet ta' l-appellat li bi transazzjoni wiehed jifhem, anzi dejjem gie ritenut (minghajr ma semma' kaz wiehed biss) kompromessi f'kawzi quddiem il-Qorti. Jista' wkoll jizdied illi din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' April 1978 in re "Emmanuel Mifsud et vs Raffaele Blanco" f'kaz fejn qabel inbdiet il-kawza l-partijiet kienu ftehmu bil-fomm dwar il-pendenzi ta' bejniethom, kienet iddecidiet li tali ftehim kien jammonta ghall-transazzjoni u billi dan ma sarx b'att pubbliku jew skrittura privata allura in forza ta' l-artikolu 1233(1), kien null."*

"Illi fl-fatt l-iskop ta' l-ittra datata 5 ta' Novembru 1999 kienu biss bl-intenzjoni li jintlahaq ftehim bonarju bejn uhud mill-partijiet fil-kawza u kull ftehim li setgha hareg konsegwenza ta' l-istess ma jistax jittiehed fl-ebda kuntest hlief sabiex tigi evitata kawza li altrimenti kienet issir, u dan anke ghaliex l-istess trattativa kellha dejjem zewg elementi partikolari li jikkaratterizaw l-istess transazzjoni u jiddistingwuha minn kuntratti ohra u cjoe`:-

(a) d-dubju li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvu huma l-istess dubju flok ihallu s-soluzzjoni ta' l-istess ghall-gudizzju tal-Qorti.

(b) Il-koncessjoni u s-sgarifficju reciproku – l'hekk imsejjah l-element ta' '*hinc inde remissum'.*

"Illi apparti dan din il-Qorti, thoss li lanqas il-ftehim allegat ma gie ppruvat mill-atturi, u dan ghal diversi mankanzi li jidhru li rrizultaw mill-atti ta' din il-kawza; fl-ewwel lok jidher li l-offerta saret mid-difensur tas-socjeta` konvenuta, fil-kors tat-trattativi li kienu qed isiru bejn id-difensuri tal-partijiet rispettivi, u minn imkien ma jidher li l-istess difensur tas-socjeta` konvenuta kien awtorizzat li jorbot lis-socjeta` konvenuta, jew almenu li kellu s-setgha li jaghmel dan; l-istess jista' jinghad ghad-difensur ta' l-

atturi, u hawn jista’ wiehed izid li mhux cara kif saret l-accettazzjoni allegata *da parte* ta’ l-atturi.

“Illi jidher ukoll li fiz-zmien ta’ l-allegata accettazzjoni l-attur Trevor Buhagiar kien ghadu minorenni, u ghalhekk kull ftehim dwar l-istess kien soggett ghall-awtorizzazzjoni tas-Sekond’Awla u dan ghaliex il-ftehim huwa forma ta’ kompromess, tant li l-kelma transazzjoni hija deskritta bhala “*compromise*” fit-test ingliz ta’ l-istess **Kodici Civili** u partikolarment ghall-**artikolu 1718,** u skond id-disposizzjonijiet ta’ l-a**rtikolu 136(4)** sabiex il-genituri jidhlu f’xi kompromess ghandhom bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u dan huwa ribadit fl-**artikolu 1723** f’termini generali li jwasslu ghan-nullita` ta’ l-istess ftehim.

“Illi ma jidhirx ukoll car kif saret l-istess allegata accettazzjoni, peress li ma jidhirx car kif inghata tali kunsens *da parte* ta’ l-atturi jew uhud minnhom, ghaliex certament li tali ftehim kien jirriferi ghall-minuri, li f’dak iz-zmien ma kienx kapaci legalment li jidhol f’tali ftehim, jekk mhux *tramite* il-genituri tieghu u dan bil-mod preskritt mil-ligi, u kollox a tenur ta’ l-a**rtikolu 1720 tal-Kap 16.**

“Illi apparti dan jidher car ukoll li l-offerta li saret *tramite* l-avukat Dr. Ivan Gatt fl-ittra msemmija tal-5 ta’ Novembru 1999, saret fil-kors tat-trattativi li kienu ghaddejjin bejn il-partijiet jew ahjar uhud minnhom ghas-soluzzjoni ta’ din il-pedenza u ghalhekk ghalkemm ma hemm l-ebda kliem bla pregudizzju fuq l-istess offerta xorta wahda ghandha titqies li saret bla pregudizzju u dan skond kif ritenut fis-sentenza “**Negoziante Carmelo Chetcuti et vs Negoziante Costantino Balzan et”** (1950 – Vol. XXXIVA), fejn inghad li:-

“*L-offerti li jsiru in linea ta’ transazzjoni m’ghandhomx l-effikacja li jinterrompu l-preksrizzjoni, jew l-effikacja ta’ rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti.*”

“Illi nfatti l-istess difensur tal-konvenut jaghmel riferenza cara ghal dan permezz taz-zewg ittri legali tieghu datati 29

ta’ Marzu 2000 u wkoll 8 ta’ Gunju 2000 esebiti bhala Dok “DD1” u “DD2” fil-process.

“Illi dan apparti l-fatt wkoll li ma jidhirx li l-kunsens tal-princpali esteri gie ottenut, u certament li ghalkemm mhux skritta, din kienet u baghet kundizzjoni ohra ta’ l-offerta maghmula; hija wkoll dibattuta fil-kors ta’ dawn il-proceduri jekk kienx hemm kundizzjoni li l-attur Trevor Buhagiar kellux jissottometti ruhu ghall-ezami iehor mediku, liema kontestazzjoni, ma dawk kollha msemmija jwasslu ghall-konvinciment morali ta’ din il-Qorti li lanqas il-ftehim allegat mill-atturi ma gie ppruvat, u dan apparti l-konsiderazzjonijiet legali maghmula dwar il-kuncett ta’ transazzjoni.

“Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.”

**L-appell ta’ l-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b’rikors intavolat fid-19 ta’ Mejju, 2003 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess sentenza u dan billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fil-kwalita` premessa taghha u tilqa’ t-talbiet attrici b’riserva ghal kull prova li tista’ titressaq u permessibbli mil-ligi fi stadju ta’ appell.

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta appellata tghid li s-sentenza appellata hija gusta u legali u timmerita konferma billi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust dwar il-fattispecie tal-kaz u applikat il-ligi korrettement u ghalhekk talbet li s-sentenza tigi konfermata u l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**L-aggravji ta’ l-atturi appellanti.**

L-aggravji ta’ l-atturi appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata huma in sintesi s-segwenti:-

a) li, kuntrarjament ghal dak li irriteniet l-ewwel Qorti, kien intlahaq ftehim bejn il-kontendenti dwar il-kumpens li kellu jinghata lill-minorenni Trevor Buhagiar;

b) li, dan il-ftehim ma kienx jammonta ghall-transazzjoni fit-termini ta' l-artikolu 1233 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala konsegwenza ma kienx hemm il-htiega ta' att pubbliku jew skrittura privata;

c) illi n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ghall-konkluzzjoni ta' tali ftehim ma jgibx in-nullita` tieghu.

**Ikkunsidrat:-**

**Il-ftehim.**

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq allegat ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti dwar kumpens li kellu jinghata lill-minuri Trevor Buhagiar bhala konsegwenza ta' incident stradali meta huwa sofra griehi serji u dizabilita` permanenti. Fit-talba, in fatti, l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta "*thallas lill-atturi s-somma ta' hamsa u tletin elf lira maltin, ammont miftiehem bhala danni sofferti mill-atturi fl-incident …..*" u dana wara li gie premess, fost affarijiet ohra, illi s-socjeta` konvenuta "*accettat ir-responsabilita` ta' l-incident da parti ta' l-assigurat taghha u intrabtet li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi………*" u "*……l-istess socjeta` konvenuta ghamlet offerta ferma ta' kumpens fl-ammont ta' hamsa u tletin elf lira, oltre l-ispejjez legali.*"

Il-bazi ta' l-azzjoni, ghalhekk, hija l-obbligazzjoni allegatament assunta mis-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra tal-5 ta' Novembru, 1999 mibghuta mill-avukat taghha lill-avukat ta' l-atturi fejn jinghad espressament hekk: "In segwitu tad-diversi laqghat li kellek mas-Sur David Debono, *Claims Manager* ta' Montaldo Insurance Services Limited (98/2 Melita Street, Valletta), ninfurmak illi l-klient tieghi huwa dispost li jaghlaq dan il-kaz billi ihallas lill-klienti tieghek is-somma ta' hamsa u tletin elf Liri Maltin (LM35,000) u dana ghas-saldu; oltre l-ispejjez

legali tieghek li jigu sopportati mill-istess klient tieghi. B'hekk ma jitnaqqas xejn mill-ammont ta' LM35,000 li jiehu l-klient tieghek."

Mhux kontestat li bejn il-kontendenti ma kien hemm ebda disgwid dwar ir-responsabbilita` ghall-akkadut. Infatti l-istess David Debono, fl-affidavit tieghu a fol 40 tal-process jghid minghar tlaqliq li "*Dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita` ta' l-incident m'hemm l-ebda kontestazzjoni*." Kull ma kien hemm bejn il-kontendenti kien l-*quantum* tad-danni li kellhom jinghataw u l-partijiet kienu qed jipprovaw jaslu b'mod bonarju dwar l-ammontar ta' dawn id-danni.

Effettivament f'dawk iz-zminijiet l-attur Trevor Buhagiar, li kien ghadu minorenni, kien gie ezaminat minn tlett esperti medici – l-ebda wiehed minnhom imqabbad mis-socjeta` konvenuta – li wkoll esprimew l-opinjoni taghhom dwar id-dizabilita` permanenti rizultanti mill-griehi li sofra. Dan il-grad ta' dizabilita` kien element essenzjali sabiex l-partijiet jaslu fi ftehim dwar l-kumpens. Kien ghalhekk li saru diversi inkontri waqt liema kien gie rilevat lill-atturi li kull offerta kellha tkun approvata mill-principali tas-socjeta` konvenuta billi din kienet biss agent ta' kumpannija ta' assikgurazzjoni estera. Effettivament kienet saret offerta f'Lulju 1999 fl-ammont ta' LM35,000, liema offerta ma kinitx giet accettata mill-atturi. Biss sussegwentement wara diversi inkontri ohra regghet saret offerta ohra u cioe` dik tal-5 ta' Novembru 1999 liema offerta l-atturi, fuq suggeriment tad-difensur taghhom, kienu accettaw. Fl-affidavit ta' David Debono jinghad li din l-offerta kienet marbuta mal-kondizzjoni li l-minuri jerga jigi ezaminat "*<u>fl-interess ta' l-attur stess</u>, u dana biex jigi ikkumpensat <u>adegwatament</u> u ghal reali danni li qed isofri.*" (sottolinear ta' din il-Qorti). L-atturi, kif kellhom kull dritt bil-mod kif giet redatta din il-kondizzjoni, ma accetawx din il-kondizzjoni billi dehrilhom li kollox kien konkjuz. Fi kwalunkwe kaz din il-kondizzjoni ma tirrizultax fl-ittra tal-5 ta' Novembru, 1999 u ghalhekk, proprjament, ma kienitx tikkondizzjona l-offerta li kienet qed issir billi din kienet wahda cara u inekwivoka u cioe` li l-kaz jinghalaq bill-hlas tas-somma ta' LM35,000 oltre l-ispejjez legali.

Din il-Qorti, ezaminati l-atti u d-dokumenti ezebiti, hija tal-fehma li l-offerta li saret bl-ittra tal-5 ta’ Novembru, 1999, bis-sussegwenti accettazzjoni ta’ l-atturi *tramite* l-avukat taghhom li, wara kollox kellu r-rapprezentanza legali taghhom biex jikkonkludi n-negozjati, tammonta ghal offerta ferma li kienet tohloq obbligazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta’ l-atturi li isir pagament tas-somma hemm indikata ghas-saldu. Lanqas ma jista’ jinghad li meta saret l-offerta f’Novembru 1999 il-principal tas-socjeta` lokali ma kienx konxju ta’ l-offerta li kienet qed issir mill-agent tieghu hawn Malta billi, kif qal l-istess David Debono, kienet is-socjeta` estera li, tajjeb jew hazin, imponiet l-obbligu li jerga’ jsir ezami tal-midrub, ezami li, kif gja rajna aktar il-fuq, gie b’kull dritt rifjutat mill-atturi.

Jidher ghalhekk li bl-ittra tal-5 ta’ Novembru, 1999 inholqot obbligazzjoni fil-konfront ta’ l-atturi, liema obbligazzjoni setghet tinghata effett bi proceduri legali f’kaz li ma tigix ezegwita. Dan l-aggravju ghalhekk huwa gustifikat.

**It-transazzjoni.**

Gie eccepit, u hekk gie ritenut mill-ewwel Qorti, li kull ftehim milhuq bejn il-kontendenti dwar il-*quantum* tad-danni u l-obbligazzjoni minnu naxxenti, huwa null billi dan ma sarx permezz ta’ skrittura privata kif jirrikjedi is-subinciz (d) ta’ l-Artikolu 1233 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikolu in kwistjoni jirrikjedi *ad validitatem*, li kull transazzjoni tiirikjedi jew l-att pubbliku jew kitba privata, taht piena ta’ nullita`. Ghalhekk, fl-assenza ta’ tali skrittura privata, gie eccepit mis-socjeta` konvenuta li d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Dan l-aspett legali tal-vertenza gie ezaminat *funditus* mill-Qorti ta’ Prim Istanza li waslet ghall-konkluzzjoni li, galadarba d-disgwid li kien hemm bejn il-kontendenti kellu l-potenzjal li jwassal ghall-proceduri gudizzjarji, il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kien jammonta ghal transazzjoni kif

dan l-istitut huwa definit fl-artikolu 1718 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-partijiet kienu, b’dan il-ftehim, jevitaw il-kawza li “*tkun sejra ssir.*”

Din il-Qorti fl-ewwel lok tirraviza certa nkonsistenza fid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti inkwantu dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li ma kien intlahaq ebda ftehim. Ghalhekk la darba ma kienx hemm ftehim qatt ma setgha kien hemm transazzjoni bejn il-partijiet fit-termini ta’ l-artikolu 1718 citat.

B’dana kollu din il-Qorti tifhem li jekk ftehim jkun intiz biex jwaqqaf kawza mibdijja jew jevita li ssir tali kawza, allura dak il-ftehim jkun jammonta ghal transazzjoni tad-divergenzi ezistenti bejn il-partijiet u, b’rispett lejn il-principju *contra scriptum non est argumentum*, tali ftehim jrid jigi redatt bil-miktub inkwantu jkun qieghed jirrizolvi darba ghal dejjem id-divergenzi bejn il-kontendenti in sostituzzjoni ta’ gudikat. Ma dan kollu l-formalita` tal-kuntratt jew skrittura privata mhux mehtiega *ad validitatem* biex obbligazzjonijiet ezistenti bejn zewg partijiet jinghataw l-forza u rikonoxximent mehtieg. Infatti l-Artikolu 1232 tal-Kap 16 ighid espressament li “*il-prova ta’ l-obbligazzjoni jew tat-tmien taghha tista’ ssir b’xhieda jew f’mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.*”

L-applikabilita` o meno tal-provvedimenti ta’ l-Artikolu 1233 tal-Kap. 16, ghalhekk, tiddipendi mhux daqstant min-natura ta’ l-obbligazzjoni per se izda mill-*animus* tal-kontraenti. U cioe` kull dritt pretiz jista’ u ghandu l-potenzjal li wassal ghall-proceduri gudizzjarji. Izda mhux kull ftehim li jipprecedi dawk l-proceduri ghandu jitqies bhala transazzjoni billi jista’ jirrizulta, bhal ma jigri hafna drabi, li l-partijiet ma jkollhom ebda intenzjoni li jirrikorru ghall-gudizzju tal-Qorti biex jiddeterminaw il-pendenzi taghhom u jista’ jkollhom biss l-hsieb li jrrizolvu l-vertenzi taghhom b’mod amikevoli, anke jekk wara tali rezoluzjoni, wahda mill-partijiet tonqos li tonora l-obbligazzjoni assunta.

Issa fil-kaz in ezami minn imkien ma jidher li parti jew ohra riedet issolvi l-pendenzi ta' bejniethom b'rikors lejn il-qrati ta' kompetenza kontenzjuza. Infatti kif qal David Debono fl-affidavit tieghu a fol 40 tal-process "*Dwar il-kwistjoni tal-kuantum* (sic) *tad-danni, din kienet qeghda tigi ikkontestata. Kif naghmlu is-soltu dejjem nippruvaw naslu fi ftehim mal-kontro-parti. F'dak iz-zmien niftakar li konna iltqajna ma Dr.Pawlu Lia li kien qed jidher u jirraprezenta lill-attur Trevor Buhagiar li dak iz-zmien kien minorenni, flimkien ma l-avukat taghna.*" Jirrizulta infatti li t-trattativi hadu zmien twil; b'dana kollu qatt ma kien hemm, da parti ta' l-atturi, xi theddida ta' proceduri gudizzjarji. Infatti lanqas fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Frar 2000 li l-atturi bghatu lis-socjeta` konvenuta, ma tirrizulta theddida tali; anzi ghal kuntrarju, fl-imsemmija ittra ufficjali issir biss referenza ghall-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet u s-socjeta` konvenuta giet mitluba li tonora tali ftehim. Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi dak li intqal minn din l-istess Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza fl-ismijiet [**Joseph Micallef noe v. Raymond Vella**] (App. Civ. 27.05.91) "*Il-qofol tal-kawza allura jirrizolvi ruhu dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "jew jevita kawza li tkun sejra ssir". Kliem li kellu jigi sewwa meqjus. Il-ligi ma titkellimx semplicement dwar ftehim bejn il-partijiet biex jevitaw kawza jew biex jevitaw kawza li setghet issir. (enfazi ta' din il-Qorti). Titkellem dwar kawza li tkun sejra ssir. Kliem li jimplika d-determinazzjoni tal-parti li kellha d-dritt li tagixxi biex tirrivendika l-jeddijiet taghha u li tkun fil-punt li hekk taghmel."* Fil-kaz sotto ezami minn dan kollu ma jirrizulta xejn u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar l-ammontar tad-danni ma jinkwadrax fid-definizzjoni ta' transazzjoni kif kontemplat fl-artkolu 1718 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li, konsegwentement, ma kienx jehtieg, *ad validitatem*, l-iskritt sabiex issir prova ta' l-ezistenza tieghu. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat u konsegwentement qed jigi akkolt.

**L-approvazzjoni tal-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja.**

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti esprimiet ruhha hekk fir-rigward tal-formalita` mehtiega f'kwistjonijiet li jinvolvu l-

minuri: "*Illi jidher ukoll li fiz-zmien ta' l-allegata accettazzjoni l-attur Trevor Buhagiar kien ghadu minorenni, u ghalhekk kull ftehim dwar l-istess kien soggett ghall-approvazzjoni tas-Sekond'Awla u dan ghaliex il-ftehim huwa forma ta' kompromess, tant li l-kelma transazzjoni hija deskritta bhala "compromise" fit-test ingliz ta' l-istess* ***Kodici Civili*** *u partikolarment ghall-* ***artikolu 1718****, u skond id-disposizzjonijiet ta' l-****artikolu 136(4)*** *sabiex il-genituri jidhlu f'xi kompromess ghandhom bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u dan huwa ribadit fl-* ***artikolu 1723*** *f'termini generali li jwasslu ghan-nullita` ta' l-istess ftehim."*

Illi kontra dan l-appellanti, korrettement, issottomettew fir-rikors ta' l-appell illi "*ma kien mehtieg ebda kunsens jew awtorizzazzjoni mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili biex l-atturi jaccettaw l-offerta. Il-genituri jidhru ghall-uliedhom fl-atti kollha tal-hajja civili (art. 135 Kodici Civili) u jamministraw il-proprjeta` ta' uliedhom (art. 136, Kodici Civili). Huwa biss f'kazijiet partikolari bhal per ezempju fi trasferiment ta' immobbli tal-minuri, self f'isem il-minuri, ecc (art. 136(4) tal-Kodici Civili) li hu mehtieg il-kunsens tal-Qorti. F'kull kaz pero`, anki atti li jsiru bi ksur ta' dan l-artikolu, mhumiex nulli awtomatikament; in-nullita` ta' atti li jsiru bi ksur ta' dan id-disposizzjoni ma tistax tingieb 'il quddiem hlief minn kull wiehed mill-genituri jew mit-tifel jew mill-werriet tieghu jew minn dawk li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minnu. (art. 138, Kodici Civili)."*

Illi fl-kaz in ezami bil-fatt semplici li dawn il-proceduri gew istitwiti kemm mill-genituri kif ukoll mill-iben, li issa sar maggiorenni, jidher li dawn qeghdin jirratifikaw dak kollu li kien sar meta l-istess Trevor Buhagiar kien ghadu taht l-eta` u ghalhekk ma hemmx possibilita` li tali ftehim jigi kkontestat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-atturi qed jigi akkolt u s-sentenza appellata qed tigi revokata billi qed jigu michuda l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellata u akkolta t-talba attrici, u konsegwentement din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur Trevor Buhagiar is-somma ta' hamsa u tletin elf lira Maltin

flimkien ma’ l-imghax kif mitlub fic-citazzjoni, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------